MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1190/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Sarah Magri]**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija B detentur tal-karta tal-identita` numru XXXX

Akkuzata talli:
Nhar l-20 ta’ Novembru 2013, f’xi hin matul il-gurnata gewwa 20, Majca, Triq Patri Magri, Hamrun, ikkommettiet serq ta’ deheb li ghalhekk jeccedi l-valur ta’ €2,329.40 liema serq sar ukoll kkwalifikat bil-‘persuna’ u bil-‘valur’ ghad-detriment tal-familja Tabone; u

Talli kisret kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposta mill-Qorti diversament preseduta, f'dan li ma tikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja u li tkun f'dawk il-hinijiet rinkazata kif ordnat li taghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 ta-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kif dedotta kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhu;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 279(b), 280(1) u 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante li wara li semghet l-istat finanzjarju u familjari xejn felici tal-imputata, qeghda issib lill-imputata B hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment, spjegat lill-imputata fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------